**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 34**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**L-Erbgħa 17 ta' Mejju 2017, fis-5.45pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Christopher Farruġia | Membru |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |
| Is-Sna Audrey Mifsud | Membru |
| Is-Sna Louise Agius | Membru |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Peress illi ċ-Ċerpersin kien assenti ippresidiet il-laqgħa l-Viċi Ċerpersin, is-Sra Renate Guillaumier. Il-laqgħa bdiet fis-6.15pm.**

**34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġji**

34.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tas-Sna Audrey Mifsud. Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti, s-Sur Christopher Farrugia ppropona li l-apoloġija ma tiġiex aċċettata. Issekondat din il-proposta l-Viċi Ċerpersin Renate Guillaumier. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Din id-deċiżjoni ttieħdet minħabba li din kienet it-tieni laqgħa li s-Sinjura Mifsud ma attendietx, bla ma tat raġuni għaliex ma kienetx ser tattendi.

**34.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Nru 31**

34.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 31 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin u mis-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti 31

**34.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Nru 32**

34.3.1 Il-minuti tas-seduta numru 32 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin u mis-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti 32

**34.4 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Nru 33**

34.4.1 Il-minuti tas-seduta numru 33 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin u mis-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti 33

*** **Il-Viċi Ċerpersin Renate Guillaumier ipproponiet li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġu diskussi issa *items* nru 34.6 u 34.7 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti rendikont finanzjarju u spjega tal-*Budget* 2017 Issekonda din il-proposta is-Sur Christopher Farrugia.**

**34.6 Rapport dwar il-Finanzi**

34.6.1 L-*accountant* tal-Kunsill spjega l-*Management Accounts* għas-sena 2016, liema *Management Accounts* jinsabu annessi ma' dawn il-minuti. Rapport dwar il-Finanzi

Is-Sur Chris Farrugia ippropona li dawn il-*Management Accounts* jiġu approvati. Issekondat din il-proposta l-Viċi Ċerpersin Renate Guillaumier.

**34.7 *Budget* 2017**

34.7.1 L-*accountant* tal-Kunsill spjega l-*Budget* għas-sena 2017, liema *Budget* jinsab anness ma' dawn il-minuti. *Budget* 2017

Is-Sur Christopher Farrugia ippropona li l-*Budget* jiġi approvat. Issekondat din il-proposta l-Viċi Ċerpersin Renate Guillaumier.

**34.5 Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin**

34.5.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni miċ-Ċerpersin x'tiġi diskussa. — Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin

**34.8 Talba għal *double yellow line***

34.8.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0275/17,** is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li l-Kumitat Amministrattiv kien irċieva talba mingħand resident sabiex issiru 30 metru *double yellow lines*, fi Triq il-Buskett kantuniera ma Triq Carlo Fiamingo. — Talba għal *double yellow line*

Wara diskussjoni li saret, is-Sur Christopher Farrugia ippropona li jsiru 5 metri *double yellow lines* fiż-żewġ kantunieri, kif stipulat bil-liġi u ssir ukoll mera fi Triq il-Buskett faċċata tat-Triq Carlo Fiamingo. Issekondat din il-proposa l-Viċi Ċerpersin Renate Guillaumier.

**34.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

34.9.1 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 21 ta' Ġunju 2017, fis-5.45 ta' filgħaxija. — Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

34.9..2 Il-laqgħa ntemmet fis-6.35 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ........................... ........... ta'......................... 2017.

**(iffirmata)** **(iffirmata)**

**Sam Abela** **Orietta Cardona**
**Ċerpersin** **Segretarju Eżekuttiv**